MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 3/2012

**Andrew Bezzina**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datat 3 ta' Jannar 2012 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi permezz ta' appell imressaq quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar nhar l-24 ta' Ottubru 2008, Andrew Bezzina appella minn rifjut mahrug mill-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp nhar it-2 ta' Ottubru 2008.

Illi l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanaripprezentat ir-risposta taghha nhar it-18 ta' Novembru 2008.

Illi permezz ta' sentenza mogħtija nhar id-19 ta' Dicembru 2011, il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar iddecieda l-appell fl-ismijiet hawn fuq premessi bil-mod segwenti:

Illi l-Bord ghalhekk qed jilqa' l-appell basta li l-hitan tal-gebel kollha jitnehhew fi zmien sitt xhur u wara jinbnew il-hitan tas-sejjiegh u tinferex il-hamrija fejn tkun mcaqalqa u jissanzjona wkoll kemm ir-*reservoir* kif ukoll ir-rampa izda jikkundanna l-appelant ihallas is-somma ta' hames mitt ewro (€500) biex jaghmel tajjeb ghal tali sanzjonament.

Il-Bord ghalhekk ihassar ir-rifjut u jordna l-Bord tal-EPC johrog il-permess kif ukoll li l-istess Bord tal-EPC ghandu jitlob garanzija bankarja ta' hams mitt Ewro sakemm ikunu mnehhija l-hitan tal-gebel li hemm fuq is-sit.

Illi l-Awtorita' intimata, llum appellanta, hassitha aggravata b'din is-sentenza u ghalhekk qed tinterponi dan l-umli appell.

Illi l-aggravju tal-Awtorita' appellanta huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi l-**artikolu 14 (5) tal-Avviz Legali 514/2010** jipprovdi *inter alia* illi: *"L-Awtorità, il-Kummissjoni u t-Tribunal m'għandhomx jimponu garanzija bankarja jew kundizzjoni li tobbliga t-tneħħija ta' żvilupp illegali wara l-ħruġ ta' permess ta' żvilupp."*

Illi bid-decizjoni tal-Bord, wara li gie mahrug il-permess rikjest, giet imposta garanzija bankarja ta' hames mitt ewro sakemm jigi mnehhi l-izvilupp illegali li hemm fuq is-sit. Illi kwindi huwa car li din l-imposizzjoni ta' garanzija bankarja tmur kontra l-artikolu hawn fuq citat.

Ghaldaqstant, l-Awtorita' appellanta, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi kollha gia` prodotti quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u filwaqt li tirrizerva d-dritt li

jressaq dawk il-provi kollha lilha permessi skont il-ligi, titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar nhar id-19 ta’ Dicembru 2011 fl-ismijiet *Andrew Bezzina vs L-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar* fuq riferita, bl-ispejjez kontra l-appellat.

Rat in-nota tas-Segretarju tat-Tribunal tal-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 15 ta’ Frar 2012 a fol 4 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa vera kopja tal-file tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet “**Andrew Bezzina vs Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**” deciz mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta’ Mejju 2012.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-3 ta’ Mejju 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Anglu Farrugia ghall-appellat, u Dr. Noel Bartolo ghall-awtorita` appellanti. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghad-29 ta’ Mejju 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jidher li bid-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar sabiex jigi sanzjonat *reservoir* taht l-art, jinbena hajt tas-sejjieh flok hitan tal-gebel bl-istess gholi fuq il-faccata b’xatba tal-injam u jissanzjona rampa f’Tal Facciol Zebbiegh. Jidher li kien hemm diversi oggezzjonijiet ghal dan kif jidher mill-korp tad-decizjoni, li l-Bord semma’ izda ma dahalx fihom, izda jirrizulta li l-Bord approva l-applikazzjoni b’dan li impona garanzija ta’ €500 ghas-sanzjonament rikjest.

Illi l-appell sar biss ghaliex l-Awtorita’ appellata qed tghid li **l-artikolu 14 (5) tal-Avviz Legali 514 tal-2010** jipprovdi li l-Awtorita’ ma tistax timponi hlas ta’ garanzija bankarja jew kondizzjoni li tobbliga t-tnehhija ta’ zvilupp illegali wara l-hrug ta’ permess ta’ zvilupp. Izda jirrizulta li in forza tal-**artikolu 14 (b)** tal-**Avviz Legali 116 tal-2012** dan **l-artikolu 14 (5) Avviz Legali 514 tal-2010** gie emendat u llum ma hemm ebda regolament li jistringi l-imposizzjoni ta’ tali garanzija b’mod li r-regolament kif citat mill-Awtorita’ appellanti ma jidhirx li ghadu jezisti u ghalhekk bl-applikazzjoni tal-principju ta’ *jus superveniens* dan l-appell qed jigi michud. Illi obiter jinghad ukoll li bhala fatt din kienet applikazzjoni li kienet saret taht il-**Kap. 356** ghaliex giet prezentata fit-2 ta’ Ottubru 2010 u f’dak iz-zmien u taht il-procedura hemm indikata ma kien hemm lanqas xi divjet ghall-imposizzjoni ta’ tali garanzija mill-Awtorita’.

Illi apparti dan, jidher li dan kien jista’ u llum jista’ jsir ghal skond l-**artikolu 70 (4) tal-Kap. 504** u ghalhekk din il-Qorti thoss anke fuq din il-bazi jirrizulta li llum tali imposizzjoni ta’ kundizzjoni hija permessa li ssir mil-Ligi stess.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi **tichad l-appell interpost mill-Awtorita’ appellanti datat 3 ta’ Jannar 2012 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b’dan li tikkonferma d-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar fl-ismijiet premessi “Andrew Bezzina vs l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar” (PAB 249/08 RT) datata 19 ta’ Dicembru 2011 ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, b’dan li t-terminu stabbilit fl-istess decizjoni sabiex isiru x-xoghlijiet hemm indikati ghandu jibda jiddekorri mid-data ta’ din is-sentenza.**

Stante n-natura tal-kaz l-ispejjez ta’ dan l-appell ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------